**20 ta' Marzu, 1962.**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Lilian Stilon De Piro pr. et ne. et.

*versus*

Henry Ghirlando

**Appaltatur — Arkitett — Danni — Responsabbiltà — Solidarjetà — Preskrizzjoni — Art. 1732 tal-Kap. 23.**

*Jekk bini jew xogħol ieħor kbir ta' ġebel, mibni b'appalt, fi żmien ħmistax il-sena minn dak inhar li tkun tlestiet il-kostruzzjoni, jiġġarraf, kollu jew f'biċċa, jew juri li jkun hemm perikolu li sejjer jiġġarraf, minħabba difett fil-kostruzzjoni, jew ukoll minħabba difett fl-art, l-arkitett u l-appaltatur għandhom jirrispondu għal dan.*

*Il-preskrizzjoni tal-azzjoni għad-danni fil-materja hi ta' sentejn; u dan it-terminu jibda jiddekorri mill-jum li fih tivverifika ruħha r-rovina tal-opra jew il-manifestazzjoni ta' perikolu ta' dik ir-rovina.*

*Ir-responsabbiltà tal-arkitett u tal-appaltatur, però, ma hix solidali. Jekk l-arkitett kellu d-direzzjoni tax-xogħol, fil-waqt li x-xogħol kellu jiġi eżegwit mill-appaltatur, l-arkitett mhux responsabbli jekk id-difetti huma dovuti unikament għall-ħtija tal-appaltatur, għal xi negliġenza da parti tiegħu, jew, per eżempju, għall-imperizja fl-arti tiegħu, u għal xejn mid-direzzjoni tal-arkitett. Jekk id-difetti huma dovuti għal direzzjoni ħażina, allura jirrispondi l-arkitett, purkè ma jkunx hemm ukoll ħtija tal-appaltatur; għaliex*

*dan ma għandux jeżegwixxi direzzjoni li jkun jaf li hija ħażina u li sejra tipperikola l-istabbilità tal-kostruzzjoni; u lanqas ma għandu japprofitta minn negliġenza tal-arkitett u jittrasgredixxi d-dettami tal-arti edilizja; f'liema każ, l-appaltatur jirrispondi mal-arkitett, kull wieħed minnhom fil-miżura tal-kolpa rispettiva.*

Il-Qorti:— Rat l-att ta' ċitazzjoni li bih l-atturi, wara li ppremettew illi bi skrittura privata tal-15 ta' April 1953 il-konvenut assuma l-appalt li jagħmel ix-xogħlijiet speċifikati fl-imsemmija skrittura fid-dar li qegħdha f'San Ġiljan, Main Street numru 196, proprjetà tal-istess atturi, u illi x-xogħol tas-soqfa tal-pjan superjuri, u in parti anki dawk tal-pjan terren tal-imsemmija dar, li kellu jsir skond il-kondizzjoni numru 3 tal-imsemmija skrittura, ma ġiex eżegwit skond l-arti; u illi, minħabba d-difetti fix-xogħol, is-soqfa tal-pjan superjuri saru perikolużi, u parti minn dawk tal-pjan terren qegħdin juru sinjali li jagħtu lil wieħed x'jaħseb li anki huma ma sarux skond l-arti; talbu illi l-istess konvenut jiġi dikjarat responsabbli ta' kull dannu sofferti minnhom fid-dar fuq imsemmija, u li jiġu likwidati l-istess danni, u l-konvenut jiġi kundannat iħallas lilhom bħala danni dik is-somma li tiġi likwidata; bl-interessi u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest tal-4 ta' Ġunju 1960 u tal-mandat ta' impediment tal-partenza tal-10 ta' Ġunju tal-istess sena;

*Omissis;*

Rat id-digriet li bih, fuq talba tal-konvenut mhux opposta mill-atturi, fol. 23, ġie msejjaħ fil-kawża l-imsemmi A.I.Ċ. Roger Degiorgio;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

L-ewwelnett fuq l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Illi l-azzjoni eżerċitata mill-atturi hi manifestament dik bażata fuq id-dispożizzjoni kontenuta fl-art. 1732 (1) tal-Kodiċi Ċivili, li jgħid illi, "jekk bini jew xogħol ieħor kbir

ta' ġebel, mibni b'appalt, fi żmien ħmistax-il sena minn dak inhar li tkun tlestiet il-kostruzzjoni, jinqered, kollu jew biċċa minnu, jew juri li hemm perikolu ċar li sejjer jiġġarraf minħabba difett fil-kostruzzjoni, jew ukoll minħabba difett tal-art, l-arkitett u l-appaltatur għandhom iwieġbu għal dan";

Din l-azzjoni, skond it-tieni kapovers tal-istess artikolu ċitat, għandha tiġi promossa fi żmien sentejn minn dak inhar li jiġri xi wieħed mil-każijiet fuq imsemmijin. Dan it-terminu ta' sentejn, kwindi, jiddekorri mill-jum li fih tiġi verifikata r-rovina tal-opra jew il-manifestazzjoni tal-perikolu ta' dik ir-rovina. Mill-provi, u speċjalment mid-depożizzjoni ta' Rudolph Stilon De Piro, jirriżulta li ma għaddewx sentejn mill-jum li mmanifesta ruħu l-perikolu li l-opra jew biċċa minnha tiġġarraf — dak li ġie aċċertat per mezz ta' perizja kif jingħad aktar il-quddiem — u l-eżerċizzju tal-azzjoni; u jirriżulta wkoll li dan il-perikolu mmanifesta ruħu fil-kors taż-żmien kontemplat fl-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi;

Għalhekk l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni jew dekadenza ma tistgħax tiġi akkolta, u hi kwindi respinta; bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Tikkunsidra, fil-meritu;

Illi mir-relazzjonijiet tal-periti jirriżulta li s-soqfa ndikati bl-ittri A. B. C. D. u E. fil-pjanta unita mar-relazzjoni tal-periti addizzjonali (fol. 140), għalkemm mhumiex fi stat imminenti li jikkollassaw, ma jistgħux jiġu dikjarati sani kif huma u jekk ma jsirux ix-xogħolijiet suġġeriti mill-istess periti fi żmien relattivament qasir, jiġġarfu; u dan l-istat ta' ħwejjeġ hu dovut tant għall-fatt li dawk is-soqfa mhumiex kapaċi li jsostnu l-piż li normalment hu mistenni li huma jsostnu avut rigward għall-"margin of safety" skond il-"code of practice" ingliż ordinarjament applikat anki f'Malta, kemm għas-sadid li tfaċċa ma' virgi tal-ħadid minħabba l-umdità li attakkat l-istess ħadid, sija għaliex f'xi partijiet ma kienx protett biżżejjed minn avviluppament adegwat ta' konkos, sija l-għaliex ma hemmx saff impermeabbili effettiv; u kwindi vverifikat ruħha t-tieni ipotesi

kontemplata fl-imsemmi art. 1732 (1) tal-Kodiċi Ċivili, billi b'perikolu ċar fis-sens intiż minn dak l-artikolu għandu jiftiehem dak il-perikolu li jirrivela ruħu esterjorment, jiġifieri li jkun apparenti u viżibbli b'mod li jġiegħel li tiġi ritenuta bħala ċerta fi żmien pjù o meno qrib ("prossimo") ir-rovina tal-edifizju (bini jew xogħol ieħor kbir ta' ġebel);

L-artikolu ċitat jgħid li għall-ipotesijiet li fuqhom jitkellem l-istess artikolu "l-arkitett u l-appaltatur għandhom iwieġbu". Dwar in-natura ta' din ir-responsabbiltà tal-arkitett u tal-appaltatur, il-kommentaturi tad-dispożizzjonijiet analogi fil-Kodiċi Taljan u fil-Kodiċi Franċiż mhumiex konkordi, u lanqas ma hi konkordi l-ġurisprudenza fuqhom. Qegħdin jissemmew dawk il-kommentaturi u dik il-ġurisprudenza, l-għaliex l-osservazzjonijiet u l-konsiderazzjonijiet tagħhom jistgħu jservu biex idawlu d-dispożizzjoni tal-liġi tagħna, billi din taqbel sostanzjalment ma' dik tal-Kodiċi Taljan, magħmula eċċezzjoni għaż-żmien, li hu ta' ħmistax-il sena fid-dispożizzjoni tagħna, fil-waqt li hu ta' għaxar snin fid-dispożizzjoni taljana; u d-dispożizzjoni tal-liġi tagħna taqbel ukoll ma' dik tal-Kodiċi Franċiż għal dak li jirrigwarda r-responsabbiltà tal-arkitett u tal-appaltatur;

Paċifiċi Mazzoni, per eżempju, jgħid illi ġa ladarba r-responsabbiltà taggrava fuq l-arkitett u fuq l-appaltatur flimkien, huma tenuti "in solido"; il-għaliex, jgħid Pacifici Mazzoni, ir-responsabbiltà tagħhom tidderiva minn delitt u kważi-delitt;

Fil-ġurisprudenza taljana nsibu sentenzi li rritenew hekk, jiġifieri li r-responsabbiltà hi solidali, imma dik issolidarjetà tiċċessa meta l-indaġni li tkun saret tal-fatti turi li d-danni huma unikament imputabbli lil wieħed jew lill-ieħor. Hemm ukoll sentenzi li jgħidu li dik ir-responsabbiltà hi, inveċe, ta' natura kontrattwali, billi ssib l-oriġini tagħha fil-kuntratt li bih il-kostruzzjoni tkun ġiet fdata lill-arkitett u lill-appaltatur, u li ma hix, kwindi, solidali trattandosi, speċjalment in rigward tal-arkitett, ta' obligazzjoni ċivili, u għalhekk kull wieħed jirrispondi għalloperat tiegħu. Hemm ukoll sentenzi li jgħidu illi r-responsabbiltà tal-arkitett u dik tal-appaltatur hija bħala regola

separata, imma ssir solidali meta r-rovina tal-ħaġa u jew il-perikolu ċar tat-tiġrif tagħha jkun addebitabbli għall-kolpa u traskuraġni komuni tagħhom;

Baudry-Lacantinerie u Wahl huma tal-parir li ma hemmx solidarjetà bejn l-arkitett u l-appaltatur, għaliex l-obligazzjoni tagħhom hi kontrattwali, u s-solidarjetà mhix preżunta fl-obligazzjonijiet kontrattwali; però, jekk ikun hemm kolpa komuni kontra l-arkitett u l-appaltatur, jista' jkun hemm kontra tagħhom kundanna "in solidum", jiġifieri kull wieħed jiġi kundannat għal kollox; imma — u dan ukoll skond sentenza tal-Qorti ta' Pariġi — jistgħu wkoll jiġu kundannati fi kwoti distinti, prinċipalment għan-nofs. F'kull każ, però, jgħidu Baudry-Lacantinerie u Wahl, il-wieħed għandu rikors kontra l-ieħor; per eżempju, l-arkitett kolpevoli ta' diffett ta' sorveljanza għandu rikors kontra l-impreżarju li jkun ikkommetta vizzju ta' lavorazzjoni, il-veru awtur tad-danni; u l-istess ġuristi jgħidu wkoll illi l-impreżarju li jaħdem fuq pjan ta' arkitett hu responsabbli għall-vizzji ta' lavorazzjoni li ma jkunux, naturalment, imposti mill-pjan, anki jekk l-arkitett ikun ġie nkarigat mis-sorveljanza tax-xogħolijiet;

Laurent jgħid, in sostanza, illi, jekk l-arkitett ikun ġie nkarigat biss mill-pjan, u suppost li ma jkunx iddirieġa x-xogħolijiet, hu jirrispondi għad-difett fil-pjan u għad-difett tal-art, u ma jirrispondix għall-vizzju tal-kostruzzjoni. Għal dawn jirrispondi l-appaltatur; u dan ukoll jirrispondi għad-difetti tal-pjan tal-arkitett, għaliex ma għandux jeżegwixxi proġett difettus jekk ikun hemm ħtija da parti tiegħu; u din il-kolpa hi kwistjoni essenzjalment ta' fatt. Jekk l-arkitett ikollu wkoll id-direzzjoni tax-xogħolijiet, ir-responsabbiltà tiegħu hi aktar estiża. F'dan il-każ l-arkitett u l-appaltatur jikkonkorru fl-istess xogħolijiet, u huma suġġetti għall-istess responsabbiltà; però ma humiex solidalment responsabbli, imma r-responsabbiltà tiġi diviża skond il-kolpa ta' kull wieħed minnhom;

Lanqas il-ġurisprudenza tagħna ma hi konkordi, billi hemm sentenzi li jagħmlu konfużjoni bejn ir-responsabbiltà tal-art. 1074 u dik konvenzjonali tal-art. 1732. Insibu kwindi sentenza li tgħid illi l-arkitett u l-appaltatur għand-

hom jiġu kundannati "in solido" lejn id-danneġġjat jekk il-parti tad-dannu li kull wieħed minnhom ikun ikkaġuna ma tkunx tista' tiġi determinata (Vol. XV, paġ. 134). Insibu sentenza li, mingħajr ma tgħid espressament li r-responsabbiltà tagħhom hi solidali, ikkundannathom flimkien, salvi l-azzjonijiet reċiproċi bejniethom (Kollez. XXI-I-221-222). Issa, li dawn is-sentenzi jikkonfondu r-responsabbiltà tal-art. 1074 ma' dik tal-art. 1732 jirriżulta mill-istess konsiderazzjonijiet tas-sentenza fl-ewwel lok ċitata; u inveru, f'dik is-sentenza jingħad illi, għalkemm id-dispożizzjoni tal-art. 1398 tal-Ordinanza VII tal-1868 (art. 1732 Kodiċi Ċivili) ma tikkontjenix dikjarazzjoni espressa dwar is-solidarjetà tal-obligazzjoni tal-arkitett u tal-appaltatur, iżda dik is-solidarjetà titwieled minn dispożizzjonijiet oħra tal-liġi affini għaliha, jiġifieri mill-art. 737, 744 u 756 tal-imsemmija Ordinanza (1074, 1081 u 1093 Kodiċi Ċivili), u kwindi dik is-sentenza għamlet regola ġenerali applikabbli għall-ipotesijiet kollha ta' kolpa; fil-waqt illi, kif jgħid Laurent, jimporta ħafna li tiġi mantenuta d-distinzjoni bejn kolpa konvenzjonali u l-fatt dannus, li l-liġi ssejjaħ delitt jew kważi-delitt. Dan, intuwittivament, ma jfisserx li ma jistgħax ikun hemm delitt jew kważi f'materja ta' obligazzjonijiet konvenzjonali. f'liema ipotesi l-parti leża jista' jkollha żewġ azzjonijiet; imma dawn jiġu miżmumin distinti. billi ż-żewġ ipotesijiet ma jistgħux jiġu konfużi, għaliex dixxiplinati minn dispożizzjonijiet ta' liġi differenti;

Fil-ġurisprudenza tagħna nsibu wkoll sentenza tal-Qorti Ċivili (Prim'Awla) li rripartiet bejn l-arkitett u l-appaltatur l-ammont komplessiv tad-danni likwidati, salva lilhom kwalsijasi azzjoni ta' rivalsa għar-rifużjoni, għal kollox jew f'parti, tad-danni li tant wieħed kemm l-ieħor ġew kundannati jagħmlu tajjeb, jekk u kontra min skond il-liġi; f'dan konfermata mill-Qorti tal-Appell (Kollez. XXVII-I-375-376 u 378);

Fl-aħħarnett, insibu wkoll sentenza tal-Qorti Ċivili (Prim'Awla), konfermata mill-Qorti tal-Appell, li tgħid illi r-responsabbiltà tal-arkitett u tal-appaltatur hi rateali, u mhux solidali, trattandosi ta' kolpa kontrattwali naxxenti minn obligazzjoni kontrattwali (Kollez. XVIII-I-92). U inveru, ir-responsabbiltà tal-arkitett u tal-appaltatur kon-

templata fl-imsemmi art. 1732 tal-Kodiċi Ċivili ma tidderivax minn delitt jew kważi, imma ssib l-oriġini tagħha fil-kuntratt li bih ikun ġie fdat il-bini jew xogħol imsemmi f'dak l-artikolu lill-arkitett u lill-appaltatur, u kwindi minn kolpa kontrattwali, u s-solidarjetà ma hi qatt preżunta; jekk ma tiġix dikjarata mill-liġi, għandha tkun miftehma espressament. U inoltre speċjalment, in rigward tal-arkitett, meta ma jkunx hu wkoll appaltatur, l-obligazzjoni hi ċivili, u mhux kummerċjali, u kwindi lanqas ma hemm il-preżunzjoni tas-solidarjetà tal-kondebitur naxxenti mill-fatt li l-obligazzjoni tkun kummerċjali;

Fil-każ preżenti, l-arkitett (il-kjamat fil-kawża) kellu d-direzzjoni tax-xogħolijiet, imma dawn ma ġewx eżegwiti minnu, jiġifieri hu ma kienx ukoll appaltatur. Kien appaltatur il-konvenut. Id-difetti li nstabu huma difetti fil-lavorazzjoni. Il-pjanta tal-perit — qalu l-periti ġudizzjarji — "ma fiha ebda difett";

Jekk dawk id-difetti huma unikament dovuti għall-ħtija tal-konvenut, għal xi negliġenza da parti tiegħu, jew, per eżempju, għall-imperizja fl-arti tiegħu u għal xejn mid-direzzjoni tal-arkitett, dan mhux responsabbli. Jekk huma dovuti għal direzzjoni ħażina, jirrispondi l-arkitett, purkè ma kienx hemm ukoll ħtija tal-appaltatur, għaliex dan ma għandux jeżegwixxi direzzjoni li jkun jaf li hija ħażina u li sejra tipperikola l-istabbilità tal-kostruzzjoni; u jittrasgredixxi d-dettami tal-arti edilizja; f'liema każ hu jirrispondi mal-arkitett kull wieħed minnhom fil-miżura tal-kolpa rispettiva;

Xejn ma jiswa li jiġi obbjettat favur il-kjamat in kawża, biex jiġi eżonerat mir-responsabbiltà, fil-każ ta' difetti fil-lavorazzjoni, illi dan ma obligax ruħu li jagħmel ix-xogħol, jekk hu kellu ħtija fid-direzzjoni tax-xogħolijiet; għaliex, ġa ladarba kellu d-direzzjoni tagħhom, ir-responsabbiltà tiegħu hi aktar estiża minn ta' dak li jiġi nkarigat biss sabiex jagħmel il-pjan u jestendi l-kuntratt tal-appalt; tant estiża li tikkomprendi, kif jgħid Laurent, anki l-verifika tal-materjali;

L-istess Laurent jiċċensura sentenza tal-Qorti ta'

Pariġi li ddeċidiet impliċitament illi l-arkitetti mhumiex responsabbli meta jillimitaw ruħhom li jagħmlu il-proġett, jestendu l-kuntratt tal-appalt, u jiddiriġu x-xogħolijiet — dak li jfisser illi l-arkitett mhux responsabbli ħlief meta jkun fl-istess ħin appaltatur. Imma, kif jispjega Laurent, l-artikolu tal-liġi jgħid li l-arkitett u l-appaltatur huma responsabbli, u għalhekk l-appaltatur hu responsabbli bħala tali. Fil-kwalità tiegħu ta' arkitett ma għandux mandat ieħor ħlief dak li jestendi l-pjan u l-kuntratt. Jekk, inoltre, jiġi nkarigat li jiddiriġi x-xogħolijiet, għandu jirrispondi għall-kolpa tiegħu;

Is-soqfa fuq indikati kellhom ikunu "of the hollow terracotta S.A.P. paten type". Id-difett li rrendihom mhux kapaċi jifilħu l-piż li normalment hu mistenni li jifilħu hu dovut għall-fatt — qalu l-periti addizzjonali — li ma ġewx eżewgiti sewwa, kif kellhom jiġu eżegwiti, l-istruzzjonijiet tal-"patent" li qegħdin fit-tabella fil-fol. 53 u fil-fol. 54 tal-proċess. Fi kliem ieħor, ġew applikati ħażin l-istruzzjonijiet tal-"patent". Il-periti addizzjonali qalu li solitament, meta perit jordna saqaf brevettat, joqgħod attent li jiġi eżegwit minn persuna li tkun taf teżegwieh, u l-konvenut kien jaf jeżegwieh, u ma joqgħodx mbgħad l-arkitett jiffitta biex jara wkoll, huwa personalment, ix-xelta tal-materjali u kif ikun qiegħed jiġi eżegwit il-"patent", għaliex hu mistenni li l-persuna li tkun qegħdha teżegwieh tkun taf teżegwieh.

Il-konvenut ammetta fix-xhieda tiegħu (fol. 47) li ma ħassx il-bżonn li jistaqsi lill-perit u jottjeni l-approvazzjoni tiegħu għall-materjali u għall-metodu li kien qiegħed juża. Ma hemm l-ebda dubju dwar ir-responsabbiltà tal-konvenut; imma anki l-kjamat fil-kawża, bħala arkitett imqabbad biex jiddiriġi x-xogħol, għandu jirrispondi; il-għaliex, meta l-arkitett ikun qiegħed jiddiriġi x-xogħolijiet, hu għandu jintervjeni fl-eżekuzzjoni tagħhom. "Dirigere i lavori", jgħid Laurent "è intervenire nella loro esecuzione". U difatti, meta l-kommittent jinkariga perit biex jiddiriġi x-xogħol, hu juri li ma jridx joqgħod biss fuq il-perizja tal-appaltatur, imma li jrid ukoll dik aktar illuminata tal-arki-

tett; u allura l-arkitett għandu jissorvelja li x-xogħolijiet ikunu qegħdin jiġu eżegwiti kif imiss; fil-każ preżenti, illi l-istruzzjonijiet tal-"patent" kienu qegħdin jiġu eżegwiti eżattament. U ma jistgħax f'dan il-każ jiġi obbjettat illi ma għandux wieħed jippretendi illi l-arkitett ikun il-ħin kollu fuq ix-xogħol biex jara kull ma jkun qiegħed isir; l-għaliex, jekk dan hu veru, iżda fil-każ preżenti x-xogħol li fih id-difett ma sarx f'siegħa jew f'ġurnata, imma fi żmien biżżejjed twil biex, f'każ ta' sorveljanza normali, wieħed jinduna bid-difett u ma jħallieħx isir jew jitkompla. U lanqas ma jista' jiġi obbjettat li wieħed ma għandux jistenna illi l-arkitett jiffitta ż-żejjed, speċjalment meta x-xogħol ikun qiegħed isir minn persuna li jkollha l-kapaċità meħtieġa biex tagħmlu sewwa; għaliex, anki jekk dan hu veru, iżda fil-każ preżenti d-difett jikkonsisti filli s-soqfa ma għandhomx il-ħxuna (l-ispessur) meħtieġa biex jifilħu l-piż li hu mistenni li huma jifilħu; u din mhix ħaġa li fuqha jista' jingħad li wieħed ma tantx hu mistenni li jiffitta. Ma hemmx bżonn, żgur, li f'dan il-punt jiġi notat li hemm ma jidħlu għal xejn ir-regoli tal-"culpa in eligendo". Dawn ma għandhomx x'jaqsmu fil-każ preżenti, fejn qegħdha tiġi applikata d-dispożizzjoni tal-art. 1732 tal-Kodiċi Ċivili;

Riferibbilment għall-mankanza ta' saff impermeabbli effettiv, il-periti addizzjonali ma jistgħux jgħidu jekk dan hux dovut għal direzzjoni ħażina jew għal eżekuzzjoni ħażina ta' direzzjoni tajba, jew għal nuqqas ta' direzzjoni, jew għax-xelta tal-materjali, li, kif ġa ngħad, tidħol fl-isfera tad-direzzjoni. Hu wisq probabbli, kunsidrat dak li qal il-konvenut fix-xhieda tiegħu ġa fuq riferita, li prinċipalment hi dovuta għall-eżekuzzjoni ħażina tax-xogħol. Imma anki f'dan il-każ għandhom igħoddu l-konsiderazzjonijiet ġa fuq magħmula in rigward tad-difett l-ieħor tal-mankanza tal-ħxuna neċessarja, u kwindi tant l-arkitett kemm l-appaltatur huma responsabbli: dan l-aħħar anki kieku ġiet lilu mogħtija direzzjoni ħażina — dak li iżda mhux pruvat; l-għaliex appaltatur esperimentat kif inhu l-konvenut kien imissu f'dak il-każ irrikonoxxa l-ħżunija tad-direzzjoni u ma eżegwihiex;

Riferibbilment għall-fatt li l-virgi tal-ħadid f'xi partijiet ma ġewx avviluppati sewwa bil-konkos dan hu, evidente-

ment, difett ta' lavorazzjoni, li għalieh għandu jirrispondi l-appaltatur biss, u mhux ukoll l-arkitett, lanqas għall-ħtija fis-sorveljanza, billi l-fatt stess li d-difetti qegħdin f'xi partijiet biss għandu juri negliġenza da parti tal-appaltatur jew tal-lavranti mqabbdin minnu; u ġa ngħad illi ma għandux wieħed jistenna u jippretendi li l-arkitett ikun kontinwament fuq ix-xogħol għall-finijiet tas-sorveljanza;

Dan premess u kunsidrat, il-Qorti, bl-użu tal-arbitriju prudenzjali tagħha, tistabbilixxi rispettivament f'ħames ottavi (5/8) u fi tliet ottavi (3/8) l-miżura ta' responsabbiltà tal-konvenut u tal-kjamat fil-kawża għaż-żewġ difetti fuq rikordati, wieħed konsistenti fil-fatt li s-soqfa mhumiex kapaċi jsostnu l-piż li hu mistenni li huma għandhom jifilħu, billi ġew applikati ħażin l-istruzzjonijiet tal-"patent", u l-ieħor fis-sadid li tfaċċa u jkompli jitfaċċa mħabba l-mankanza ta' saff impereabbli effettiv u nuqqas ta' avvilup-pament sewwa bil-konkos f'xi partijiet tal-virgi tal-ħadid;

Mir-relazzjoni tal-periti addizzjonali jirriżulta illi d-dannu kawżat minħabba l-imsemmijin difetti fil-kostruzzjoni tax-xogħol fuq imsemmi, dak sabiex l-atturi jkunu jistgħu jirrimedjaw għal dawk l-istess difetti, hu tal-valur ta' £355, għaliex għal daqstant tammonta l-istima tax-xogħolijiet suġġeriti mill-istess periti addizzjonali bħala l-orħos u l-aktar prattiċi biex jiġu apportati r-rimedji meħtieġa ħalli jiġi evitat it-tiġrif tal-istess xogħol. B'dan l-ammont kwindi, kif ġa aċċennat, l-atturi jiġu kompensati għan-nefqa li jkollhom jagħmlu sabiex jispiċċa l-periklu li x-xogħol jiġġarraf;

Għaldaqstant tiddeċidi adeżivament għall-istanza, billi tiddikjara li l-konvenut u l-kjamat fil-kawża huma t-tnejn responsabbli għad-dannu fuq riferit, il-konvenut fil-miżura ta' ħames ottavi u l-kjamat fil-kawża fil-miżura ta' tliet ottavi mill-istess dannu; tillikwida fis-somma ta' £355 il-valur ta' dak id-dannu, salva l-ispiża relattiva għall-ħlas tad-dritt tal-arkitett li jiddiriġi x-xogħolijiet suġġeriti mill-periti addizzjonali, jekk neċessarja u nkorsa; u kwindi tikkundanna lill-konvenut u lill-kjamat fil-kawża jħallsu lill-atturi rispettivament ħames ottavi, jiġifieri £221.17.6, u tliet ottavi, jiġifieri £133.2.6, mis-somma fuq imsemmija

ta' £355; riżervati favur l-istess atturi, "si et quatenus", kull dritt u, okkorrendo, kull azzjoni skond il-liġi, għal danni oħra;

**L-ispejjeż tal-kawża u relattivi** jitħallsu kwantu għal ħames ottavi minn għand il-konvenut u kwantu għal tliet ottavi minn għand il-kjamat fil-kawża.